# PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## ILLUM, 16 TA' NOVEMBRU, 2022

Rikors Ġuramentat nru 493/2022 RGM

**Carmelo sive Charlo Baldacchino**

**Vs**

**Mary Grace Vella**

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa digriet dwar rikors ippreżentat mill-attur fit-30 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu qed jitlob lill-Qorti sabiex ai termini tal-**Artikolu 793 tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta il-kawża odjerna u żewġ kawżi oħra pendenti quddiem din il-Qorti presjeduti rispettivament minn żewġ imħallfin oħra jinstemgħu flimkien peress li hemm konnessjoni ta' suġġett bejn it-tlett kawżi..

2. B'digriet tal-4 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ordnat in-notifika lill-konvenuta bil-fakolta' ta' risposta.

3. Min-naħa tagħha l-konvenuta ppreżentat risposta fl-14 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha filwaqt li tenniet il-posizzjoni tagħha fil-mertu tal-kawżi imsemmija stqarret illi hija taqbel li huwa indikat li l-kawżi jinstemgħu flimkien mill-istess ġudikant.

Ikkunsidrat;

4. L-attur isejjes it-talba tiegħu fuq il-premessa illi t-tlett kawżi huma konnessi fit-termini tal-Artikolu 793 li jipprovdi illi meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien (sub-inċiż 1).

5. Ikun hemm lok għall-konnessjoni tal-kawżi jekk tintwera rabta bejn il-mertu ta' kawża u l-mertu tal-kawża jew kawżi l-opra jew inkella jekk jintwera illi d-deċiżjoni ta' waħda jista' jkollha effett fuq kif tista' tinqata' l-kawża l-oħra. Mhux meħtieġ li jkun hemm *eadem res, eadem causa* u *eadem personae* bħal fil-każ tal-*lis alibi pendens* (Artikolu 972 tal-Kap 12) fejn id-deċiżżjoni dwarha trid tingħata b'sentenza u mhux b'digriet bħal fil-każ ta' konnessjoni ta' kawżi.

6. Appena huwa neċessarju jintqal illi l-istitut tal-konnessjoni tal-kawżi ma hux imsejjes fuq konvenjenza tal-partijiet jew għax il-partijiet huma konkordi fuq tali talba. Sabiex il-qorti tilqa' t-talba għall-konnessjoni tal-kawżi għandu qabel xejn jirriżulta sodisfaċentement illi verament hemm rabta bejn il-mertu ta' waħda u l-mertu ta' l-oħra jew l-oħrajn bil-mod kif jeżiġi Artikolu 973 tal-Kap 12. Altriment, minflok ma tkun miżura

intenzjonata għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja billi fost l-oħrajn jiġi evitat multiplikazzjoni u ripetizzjoni ta' provi f'diversi kawżi b'mertu konness; jispiċċa eżerċizzju ta' *forum shopping* li l-liġi ma tippermettiehx.

7. Permezz tal-kawża odjerna l-attur Carmelo Baldacchino qed jitlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni ippubblkat fit-30 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu omm il-partijiet kienet iddonat kwart indiviz lill-attur u kwart indiviż lill-konvenuta tal-fond 22/23, Triq il-Parroċċa, Ħal Luqa għal diversi raġunijiet fosthom l-allegazzjoni li l-kunsens tiegħu fuq dak il-kuntratt kien ġie karpit b'għemil doluż da parti tal-konvenuta li kienet taf bil-kontenut tat-testment li kienet ġia għamlet ommha.

8. Il-mertu taż-żewġ kawżi l-oħra, li skond il-partijiet huma konnessi ma' dik odjerna fit-termini tal-liġi, huma s-segwenti.

9. Permezz tal-kawża numru **626/2022 TA** fl-ismijiet ***Mary Grace Vella et vs Carmelo Baldacchino et*** l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil Carmelo Baldacchino u lil żewġ xerrejja prospettivi sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' kompro-vendita dwar il-fond fuq imsemmi ai termini ta' konvenju li l-partijiet f'dik il-kawża iffirmaw fit-3 ta' Awissu 2021. Il-konvenuti f'dik il-kawża qed jopponu peress l-provenjenza ser tkun tiddependi mill-eżitu tal-kawża odjerna 493/2022 RGM.

10. Permezz tal-kawża numru **567/2022 AF** fl-ismijiet ***Mary Grace Vella vs Carmelo Baldacchino***, l-attriċi f'dik il-kawża qed titlob illi lill-Qorti tiddikjara illi Carmelo Baldacchino iddekada mid-drittijiet tiegħiu skond l-aħħar testment ta' omm il-partijiet u allura jista' jiġi effettwat is-sehem tiegħu mill-fond imsemmi.

11. Minn eżami tal-atti tat-tlett kawżi jirriżulta illi verament hemm konnessjoni bejn it-tlett kawżi fit-termini tal-Artikolu 793 tal-Kap 12 sew

għaliex hemm konnessjoni fis-suġġett kif ukoll għaliex l-eżitu ta' waħda jista' jiddependi mill-eżitu ta' l-oħra jew l-oħrajn.

12. Il-Qorti tqis għalhekk illi jirriżulta sodisfaċentement illi bejn it-tlett kawżi imsemmija hemm il-konnessjoni kontemplata fl-Artikolu 793 tal-Kap 12.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors tal-attur tat-30 ta' Settembru 2022 bil-mod segwenti;

1. **Tilqa'** r-rikors tal-attur tat-30 ta' Settembru 2022.

2. **Tiddikjara** illi ai termini tal-**Artikolu 793 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta hemm konnessjoni ta' suġġett bejn il-kawża odjerna numru 493/2022 RGM u l-kawżi numri 626/2022 TA u 567/2022 AF u għalhekk tordna li t-tlett kawżi jinstemgħu flimkien.

3. **Issejjaħ** għal quddiemha (i) l-kawża numru **626/2022 TA** fl-ismijiet ***Mary Grace Vella et vs Carmelo Baldacchino et*** u (ii) l-kawża numru **567/2022 AF** fl-ismijiet ***Mary Grace Vella vs Carmelo Baldacchino***, sabiex jinstemgħu kontestwalment mal-kawża odjerna.

4. **Tordna komunika** ta' dan id-digriet lir-**Reġistratur tal-Qorti**.

**Mogħti kameralment illum 16 ta' Novembru, 2022.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**